32006R0181



# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 181/2006

## ta' l-1 ta' Settembru 2006

## li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1774/2002 fir-rigward tal-fertilizzanti organiċi u l-improvers tal-ħamrija li mhumiex demel u li jemenda lil dak ir-Regolament

**(Test b'rilevanza għaz-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkundsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ottubru 2002 li jippreskrivi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji ta' l-annimali mhux maħsuba għall-konsum uman [1], u partikolarment l-Artikoli 20(2), 22(2) u 32(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 jipprojbixxi l-applikazzjoni fuq art għall-mergħa ta' fertilizzanti organiċi u ta' *improvers* tal-ħamrija li mhumiex demel. Din il-projbizzjoni saret skond il-projbizzjoni ta' l-għalf attwali ta' l-UE, u hija intenzjonata biex tipprevjeni r-riskji ta' kontaminazzjoni possibbli mill-art għall-mergħa fejn il-materjal tal-Kategorija 2 u tal-Kategorija 3 jistgħu jkunu preżenti. Tali riskji jistgħu jirriżultaw minn mergħat jew mill-użu tal-ħxejjex bħala ħaxix għall-għalf maħżun jew tiben minn annimali tal-biedja. Dak ir-Regolament jippreskrivi li miżuri għall-implimentazzjoni tal-projbizzjoni, inklużi l-miżuri ta' kontroll, għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-kumitat xjentifiku xieraq.

(2) Bosta kumitati xjentifiċi ħarġu numru ta' opinjonijiet xjentifiċi li huma rilevanti għall-applikazzjoni fuq l-art ta' fertilizzanti organiċi u ta'l-*improvers* tal-ħamrija. Dawn jinkludu, l-ewwel, l-Opinjoni ta' l-24 u l-25 ta' Settembru 1998 tal-Kumitat ta' Direzzjoni Xjentifiku dwar is-sigurtà tal-fertilizzanti organiċi derivati minn annimali mammiferi, it-tieni, l-Opinjoni ta' l-24 ta' April 2001 tal-Kumitat Xjentifiku dwar it-Tossiċità, l-Ekotossiċità u l-Ambjent dwar il-valutazzjoni tat-trattamenti fuq il-ħama għat-tnaqqis ta' l-organiżmi patoġeniċi, it-tielet, l-Opinjoni ta' l-10 u l-11 ta' Mejju 2001 tal-Kumitat Permanenti Xjentifiku dwar is-sigiurtà ta' fertilizzanti organiċi derivati minn materjali derivati minn bhejjem li jixtarru u r-raba', l-Opinjoni tat-3 ta' Marzu 2004 tal-Bord Xjentifiku dwar il-Perikli Bijoloġiċi ta' l-Awtorità Ewropea dwar l-Istandards ta' l-Ikel fir-rigward tas-sigurtà vis-à-vis ir-riskji bijoloġiċi li jinkludu t-TSEs ta' l-applikazzjoni fuq art għall-mergħa ta' fertilizzanti organiċi u ta' *improvers* tal-ħamrija.

(3) Dawk l-Opinjonijiet Xjentifiċi taw parir li tessuti ta' annimali li għandhom probabbiltà li jkun fihom l-aġenti tat-TSE m'għandhomx jiġu inkorporati fil-fertilizzanti organiċi u fl-*improvers* tal-ħamrija għall-użu fuq art li hija aċċessibbli mill-bhejjem. Materjal ieħor jista' jintuża fil-produzzjoni tal-fertilizzanti organiċi u ta' l-*improvers* tal-ħamrija skond ċerti kondizzjonijiet ta' saħħa li jinvolvu s-sħana u li jkunu ta' provenjenza safja sabiex iktar jitrażżnu r-riskji potenzjali.

(4) Fid-dawl ta' dawn l-Opinjonijiet Xjentifiċi, regoli ta' implimentazzjoni, inklużi miżuri ta' kontroll, għandhom jiġu stipolati għall-applikazzjoni fuq l-art ta' fertilizzanti organiċi u *improvers* tal-ħamrija, kif ukoll tal-fdalijiet middiġestjoni u l-kompost

(5) Il-miżuri ta' implimentazzjoni pprovduti fir-Regolament għandhom isiru mingħajr preġudizzju għall-miżuri tradizzjonali li huma applikabbli bħalissa skond ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002.

(6) Għandu jkun possibbli li jitqiegħdu fis-suq u jiġu esportati fertilizzanti organiċi u *improvers* tal-ħamrija bil-kondizzjoni li jkun hemm konformità mal-kondizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

(7) Il-miżuri stipolati f'dan ir-Regolament jikkonformaw ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

### Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-miżuri ta' tranżizzjoni adottati skond ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002.

2. L-Istati Membri għandhom japplikaw regoli nazzjonali aktar stretti minn dawk li huma pprovduti f'dan ir-Regolament fir-rigward tal-mod li l-fertilizzanti organiċi u l-*improvers* tal-ħamrija jintużaw fit-territorju tagħhom fejn tali regoli huma ġustifikati fil-kamp ta' l-annimali u dak pubbliku.

[1] ĠU L 273, ta' l-10.10.2002, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 416/2005 (ĠU L 66, 12.3.2005, p. 10).

*Artikolu 2*

**Emenda**

Fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1774/2002, punt 39 jinbidel b'dan li ġej:

"39. 'art għall-mergħa' tfisser art mgħottija bil-ħaxix jew ħxejjex oħrajn fejn jirgħu jew li ntużat bħala għalf għall-annimali tal-biedja, li teskludi art fejn ġew applikati fertilizzanti organiċi u *improvers* tal-ħamrija skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 181/2006 (*);

(*) ĠU L 29, 2.2.2006, p. 31".

*Artikolu 3*

**Kondizzjonijiet għall-fertilizzanti organiċi u l-improvers tal-ħamrija**

Il-fertilizzanti tal-ħamrija u l-*improvers* tal-ħamrija għandhom jiġu prodotti biss minn materjali tal-Kategorija 2 u l-Kategorija 3.

*Artikolu 4*

**Kontroll ta' l-organiżmu patoġeniku, l-ippakkjar u l-ittikkettjar**

Il-fertilizzanti organiċi u l-*improvers* tal-ħamrija għandhom jikkonformaw mal-kondizzjonijiet dwar il-kontroll ta' l-organiżmi patoġeniċi u ta' l-ittikkettjar stipolati fil-Partijiet I u II ta' l-Anness.

*Artikolu 5*

**Trasport**

Il-fertilizzanti organiċi u l-*improvers* tal-ħamrija għandhom jiġu trasportati skond il-kondizzjonijiet stipolati fil-Parti III ta' l-Anness.

*Artikolu 6*

**Użu u restrizzjonijiet fl-imrieħi**

1. Restrizzjonijiet speċjali fl-imrieħi stipolati fil-Parti IV ta' l-Anness għandhom japplikaw fejn il-fertilizzanti organiċi u l-*improvers* tal-ħamrija jiġu applikati fuq l-art.

2. Prodotti pproċessati li huma derivati mill-ipproċessar ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali fl-impjant ta' l-ipproċessar skond ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 m'għandhomx japplikaw direttament għall-art fejn l-annimali tal-biedja jistgħu jkollhom aċċess.

*Artikolu 7*

**Ir-reġistri**

Il-persuna risponsabbli għall-art fejn il-fertilizzanti organiċi u l-*improvers* tal-ħamrija jiġu applikati u li għandhom l-aċċess għaliha l-annimali tal-biedja għandhom iżommu reġistri għal mhux inqas minn sentejn ta':

(a) il-kwantitajiet tal-fertilizzanti organiċi u l-*improvers* tal-ħamrija li ġew applikati;

(b) id-data ta' meta l-postijiet fejn il-fertilizzanti organiċi u l-*improvers* tal-ħamrija ġew applikati ma' l-art;

(c) id-dati ta' meta l-bhejjem huma permessi jirgħu fuq l-art jew ta' meta jsir iż-żrigħ ta' l-art għall-għalf.

*Artikolu 8*

**Tqegħid fis-suq, esportazzjoni u transitu**

It-tqegħid fis-suq, l-esportazzjoni u t-transitu tal-fertilizzanti organiċi u ta' l-*improvers* tal-ħamrija għandhom ikunu soġġetti għall-kondizzjonijiet stipolati fil-Partijiet I u II ta' l-Anness.

*Artikolu 9*

**Miżuri ta' kontroll**

1. L-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri neċessarji sabiex jaċċertaw il-konformità ma' dan ir-Regolament.

2. L-awtorità kompetenti għandha tagħmel kontrolli regolari fuq l-art fejn ġew applikati l-fertilizzanti organiċi u l-*improvers* tal-ħamrija u fejn jista' jkollhom aċċess l-annimali tal-biedja.

3. Jekk il-kontrolli li saru mill-awtorità kompetenti juru li ma hemmx konformità ma' dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti għandha tieħu azzjoni xierqa.

*Artikolu 10*

**Dhul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Jibda japplika mill-1 ta' April 2006.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, nhar l-1 ta' Frar 2006.

*Għall-Kummissjoni*
Markos KYPRIANOU
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

**KONDIZZJONIJIET GĦALL-FERTILIZZANTI ORGANIĊI U L-IMPROVERS TAL-ĦAMRIJA LI GĦANDHOM JIĠU APPLIKATI FUQ L-ART**

I. **Kontroll ta' l-organiżmu patoġeniku**

Il-produtturi tal-fertilizzanti organiċi u ta' l-*improvers* tal-ħamrija għandhom jaċċertaw li tkun saret id-dekontaminazzjoni ta' l-organiżmi patoġeniċi qabel l-applikazzjoni tagħhom fuq l-art skond:

— Kapitolu I (D)(10) ta' l-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 fil-każ tal-proteini pproċessati ta' l-annimali jew prodotti pproċessati derivati mill-materjal tal-Kategorija 2;

— Il-Kapitolu II ta' l-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 fil-każ tal-kompost u tar-residwi tal-bijogas.

II. **Ppakkjar u ttikkettjar**

1. Wara l-ipproċessar u/jew it-trasformazzjoni skond l-Artikolu 5(2) jew 6(2), kif ikun il-każ, tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002, il-fertilizzanti organiċi u l-*improvers* tal-ħamrija għandhom jinħażnu f'kondizzjonijiet xierqa u ttrasportati f'ippakkjar.

2. L-ippakkjar għandu jiġi ttikkettjat b'mod ċar u leġibbli bl-isem u l-indirizz ta' l-impjant tal-produzzjoni u għandu jinkludi l-kliem "fertilizzanti organiċi u *improvers* tal-ħamrija/annimali tal-biedja m'għandhomx ikollhom aċċess għall-art għal mhux inqas minn 21 ġurnata wara l-applikazzjoni fuq l-art".

III. **Trasport**

1. L-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li ma tapplikax il-punti II(1) u (2) għall-fertilizzanti organiċi u għall-*improvers* tal-ħamrija li jiġu trasportati u/jew użati fl-istess Stat Membru jew trasportati sa u/jew użati f'Stat Membru ieħor fejn hemm ftehim reċiproku għal dak il-għan, bil-kondizzjoni li d-deċiżjoni ma tippreżenta ebda riskju għas-saħħa ta' l-annimal jew dik tal-pubbliku.

2. Id-dokument kummerċjali li jakkumpanja l-fertilizzanti organiċi u l-*improvers* tal-ħamrija għandu jinkludi l-kliem "fertilizzanti organiċi u *improvers* tal-ħamrija/annimali tal-biedja m' għandhomx ikollhom aċċess għall-art għal mhux inqas minn 21 ġurnata wara l-applikazzjoni fuq l-art".

3. Dokument kummerċjali mhux meħtieġ jekk il-fertilizzant organiku u l-*improvers* tal-ħamrija huma forniti minn vendituri lill-utent aħħari ħlief operaturi kummerċjali.

IV. **Restrizzjonijiet speċjali għall-imrieġħi**

1. L-awtorità kompetenti għandha tieħu miżuri meħtieġa biex taċċerta li annimali tal-biedja ma jkollhomx aċċess għall-art fejn il-fertilizzanti organiċi u l-*improvers* tal-ħamrija ġew applikati qabel ma jkunu għaddew 21 ġurnata mid-data ta' l-aħħar applikazzjoni.

2. Meta jkunu għaddew 21 ġurnata mid-data ta' l-aħħar applikazzjoni tal-fertilizzanti organiċi u *improvers* tal-ħamrija, l-imrieġħ jista' jsir jew il-ħaxix jew ħxejjex oħrajn jistgħu jinqatgħu għall-użu fl-għalf, bil-kondizzjoni li l-awtorità kompetenti ma tikkunsidrax li l-prattika tippreżenta riskju għas-saħħa ta' l-annimali jew dik tal-pubbliku.

3. L-awtorità kompetenti tista' tistipola perijodu itwal minn dak speċifikat fil-punt 2 li fih l-imrieġħ huwa pprojbit fuq bażi tas-saħħa ta' l-annimali jew tal-pubbliku.

4. L-awtorità kompetenti għandha taċċerta li jsir abbozz tal-kodiċi tal-prattika agrikola tajba u li jkun disponibbli għall-użu lil dawk li japplikaw il-fertilizzanti organiċi u l-*improvers* ta-ħamrija fuq l-art, bil-konsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi lokali.